MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI) KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

## MAGISTRAT DR. CASSAR JOSEPH LL.D.

Seduta tat-23 ta' April, 2002

Numru 311/2002

**Il-Pulizija**
(Spettur Martin Sammut)
**vs**
**Marvin Falzon**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Marvin Falzon.

Talli
Nhar il-21 ta’ April 2002 ghall-habta ta’ l-erbgha ta’ filghodu gewwa il-Havana Club ta’ Triq San Gorg , San Giljan, u/ jew fil- vicinanzi.
Minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed l-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta’ natura gravi fil-gisem ta’ Matthew Muscat, u dan bi ksur ta’ l-artikoli 214 u 216 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Volontarjament kiser il- bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied, u dan bi ksur ta' Artikolu 338 (dd) ta' Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta;
Bil-lejl kiser l-mistrieh tan-nies, bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor u dan bi ksur ta' Artikolu 338(mm) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Hedded bi hwejjeg iebsin jew waddabhom jew qabad armi ohra kontra in-nies u dan bi ksur ta' Artikolu 339(1) (b) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali.

Rat li fis –seduta tal-lum l-akkuzat ammetta l-aakkuzi migjuba kontrih.

Issibu hati.

Rat l-artikoli 214 u 216 tal-Kap 9 kif ukoll l-artikolu 28A tal-Kap 9.
Stante il-kondotta nadifa ta' l-akkuzat ser tapplika l-ahhar imsemmi artikolu.
Tikkundanna lill-akkuzat sitt xhur prigunerija b'dan li din is-sentenza m'ghandix tidhol fis-sehh hlief jekk l-akkuzat jaghmel reat soggett ghall-prigunerija fi zmien sena mill-lum.

Il-Qorti qeghda tfisser lil-imputat il-portata ta' din is-sentenza.
(ft) Dr. Joseph Cassar
MAGISTRAT

Vera Kopja ta' l-original

M.Mifsud, B.A. (Deputat Registratur)